MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Talba Numru. 2467/2002

**Joseph Scicluna**
**Vs**
**Charles Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’l-attur li talab lit-Tribunal jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ erbgha mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420), somma rapprezentanti prezz ghax-xoghol ta’ manifattura ta’ kaxxa ghal van Toyota, proprjeta’ tal-konvenut, liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenut u liema bilanc ta’ prezz il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas, minkejja li gie nterpellat diversi drabi;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici ghall-hlas ta’ erbgha mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420) hija intempestiva billi sallum l-attur ghadu ma ezegwiex ix-xoghol skond il-ftehim billi ghall-qiegh tal-kaxxa ma uzax pjanca “tal-kwart,” kif miftiehem;

Wara li l-eccipjent gibidlu l-attenzjoni ghal dan, l-istess attur kien accetta li jiehu lura l-kaxxa u jrodd il-flus lura, pero' wara rega' bdielu;

Illi l-eccipjent ikun lest  ihallas il-prezz shih, meta l-kaxxa ssir bil-qiegh tal-kwart kif miftiehem;

Konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ra x-xhieda ta' l-attur li jispjega illi huwa l-proprjetarju ta' "Scicluna Garage," f'Haz-Zebbug, fejn jimmanifattura kaxxi ghat-trukkijiet, welding u panel beating;

Ighid ukoll li meta kien mar  l-ewwel darba ghand il-konvenut sabiex jaghmel ordni ghal kaxxa ghal van Toyota Dyna tieghu, kien kellem lill-ibnu li kien jiehu hsieb in-negozju. Il-ftehim kien sar ma' ibnu, izda dan ta' l-ahhar kien infurmah li l-konvenut kien ordna kaxxa mahduma mill-hadid tal-erba' millimetri u kellha tkun tarbula, cioe' li titla' u tinsel bil-pompa tal-hydraulic;

Originarjament, il-prezz mifitehem kien ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1300), kif ukoll mija u ghoxrin lira (Lm120) ghall-bumper u kaxxa tal-ghoddda ghal istess van. It-tank tad-diesel u l-kaxxa tal-batterija kellhom jiccaqalqu minn fejn kienu originarjament;

Il-konvenut kien imur kull jumejn sabiex jara x-xoghol u qatt ma lmenta. Meta saret l-ordni kien hallas hames mitt lira (Lm500) u hames mitt lira (Lm500) ohra kien hallashom gimgha wara li ha l-karozza. Il-bilanc baqa' ma hallsux u ttentaw jikkomunikaw mal-konvenut u meta rnexxielhom dan qallhom biex ituh cans ghax ma kienx qed jaqla' flus;

Wara xi tlett xhur, l-konvenut kien qal lill-iben il-konvenut li kien gie ngannat ghaliex il-kaxxa kienet irqaq milli kienu ftehmu. Iben l-attur offra li jiehdu l-kaxxa lura u jirrifondu l-flus lill-konvenut, izda qatt ma mar.

Darba ohra, iben l-attur kien mar ifittex lill-konvenut waqt li kien qed jaghmel xi xoghol fis-showroom ta’ Raymond Vassallo. Kien hemm siehbu Charles Falzon li kien ferm aggressiv maghhom u dan kien ghajjru li l-qiegh tal-kaxxa kien gie mmewweg;

L-attur ighid li ghat-tieni darba ibnu kien ghamel offerta lill-konvenut biex jergghu jiehdu lura l-kaxxa, il-konvenut kien accetta, izda qatt ma hadha, minkejja d-diversi preparamenti li kienu saru. Kien ghalhekk li dahal il-Qorti;

L-attur in kontro-ezami jghid li l-bibien li nhaddmu kienu ta’ tlett millimetri, kif jahdmuhom lil haddiehor u l-qiegh kien ta’ xi erba’ millimetu u xi haga.

Ighid li l-vannijiet tal-haxix jinhaddmu billi l-bibien ikunu ta’ tlett millimetri, filwaqt li l-gnub “one-sixteenth”;

Ra x-xhieda ta’ John Scicluna li huwa bin l-attur u mpjegat mieghu f’”Scicluna’s Garage.” Ighid li peress li missieru ma kienx il-garaxx kienu hu li kien ghamel in-negozjati mal-konvenut. Kien hemm ftehim li jahdem kaxxa tarbula tal-hadid, hoxna erba’ millimetri, filwaqt li t-traversi u channels kellhom ikunu  ta’ zewg pulzieri.

Ix-xhud ikkonferma l-prezz li gie miftiehem fuq il-kaxxa huwa l-istess bhal dak indikat minn missieru. Kien issemma’ hxuna ta’ sitt millimetri, izda kien qal lill-konvenut li hekk il-prezz kien joghla. Il-konvenut kien qallu li jekk jiddeciedi li jrid ibiddilu l-hxuna, kien jikkomunika mieghu, izda qatt m’ghamel hekk;

Il-konvenut kien imur qisu kull jumejn biex jara l-andament tax-xoghol u qatt ma lmenta mieghu li ried il-kaxxa tas-sitt millimetri;

Ix-xhud jikkonferma x-xhieda kollha ta’ missieru ghal dak li jirrigwarda il-hlas, il-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut u li ukoll kien hemm darbtejn meta x-xhud offrielu li jiehu l-kaxxa lura, izda qatt ma deher jew ikkomunika mal-genituri tieghu;

Ix-xhud ighid li minhabba li kien hemm ftehim ghal hlas u l-kaxxa, kien ikkomunika mal-konvenut meta ma giex u meta rnexxielu jikkuntatjah kien irrifjuta li jhallas u ried il-flus lura qabel ma titnehha l-kaxxa;

Ra x-xhieda tal-konvenut li jghid li siehbu Charles Falzon kien qallu bl-attur. Kien ghalhekk li kien mar sabiex jordna kaxxa tal-hadid li titla' bil-pompa, bil-pjanti tal-gnub mghawgin, kullimkien kwart ta' pulzier. Kien ftehmu fuq prezz ta' elf u tlett mija (Lm1300) u mbaghad kien jordna xi xoghol iehor li wassal ghal total finali ta' elf erbgha mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1420).

Il-konvenut jispjega li kien ha l-van u kien imur regolarment il-garaxx. Kien hallas erba' mitt lira (Lm400) deposit, waqt li l-van kien qed jinhadem kien hallas hames mitt lira (Lm500), u meta ha l-van kien hallas mitt lira ohra (Lm100);

Kien xi gimgha wara li l-konvenut intebah li l-kaxxa ma kienitx kif kien talbu, izda kienet tal-linja, jigifieri nofs il-kwart. Jispjega li l-attur kien ghamillu kollox tal-kwart, hlief ghall-qiegh, tant li meta tkun mghobbija u titla'l-pompa, l-qiegh jitbewwaq;

Kien sar ftehim bil-miktub bejniethom fejn ma ssemmiex xi hxuna.It-tieni darba kienu ftehmu li jiehu elf lira Maltin (Lm1000) u jirritorna l-kaxxa, u li kien l-istess attur li qallu biex ma jmurx.

Il-konvenut jispjega illi meta kien cempillu iben l-attur biex hallas dan ta' l-ahhar qatt ma ssuggerielu li jiehu l-kaxxa lura u jirrifondulu l-prezz, izda kien l-konvenut li kien ippropona li jiehdu l-kaxxa lura u jirrfondulu l-flus. L-attur kien accetta ghal ewwel, izda mbaghad rega' bdielu,

Il-konvenut ikkonferma li l-qiegh tal-kaxxa hija irqaq mill-gnub. Ighid li l-qliegh sar tal-linja, kif hemm iccertifikat;

Ra x-xhieda ta'l-Inginier Mario Magri, li huwa mechanical engineer Kien imqabbad mill-konvenut sabiex jara xi kaxxa ta' vettura tal-marka Toyota b'numru ta'

registrazzjoni IBG 168 u dan peress li qal li din il-kaxxa kienet tittipja;

Ighid li l-konvenut kien ordna kaxxa tal-kwart u cioe' tas-6mm u ghalhekk ha l-kejl u rrizulta li l-hxuna kienet tammonta ghal 4.76 mm. Jikkonferma li l-kaxxa ma kienetx hoxna bizzejjed u minhabba f'hekk l-bieba ta' wara titbewwaq meta giet mghobbija u uzatha. Peress li l-qiegh mhux ohxon bizzejjed, il-pilastru jitghawweg;

Ix-xhud ighid ukoll li nnota li l-"piston" ikun is-soltu fuq travu "across the main channels" tal-kaxxa. F'dan il-kaz kien jaghmel ezatt mal-qiegh tal-kaxxa u per konsegwenza jaghmel "distortion" fil-kaxxa. "Distortion," ukoll setghet sehhet minhabba li l-"pivot pin" ta' wara jinstab fl-arja u ma kienx jinstab fuq ic-chassis;

Minhabba li l-van kellu jintuza ghall-kostruzzjoni, x-xhud ihoss li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Jispjega ukoll li meta kejjel il-gnub u l-qiegh kienu ta'l-istess hxuna u ha l-kejl bil-vernier callipers;

Ra x-xhieda ta' Charles Falzon li kien dik il-persuna li kienet introduciet lill-konvenut lill-attur. Kien mar mieghu il-garaxx tal-attur u kienu tkellmu mat-tifel ta'l-attur. Il-ftehim li sar bejn il-konvenut u l-attur kien li l-attur jaghmel kaxxa fit-trukk tal-konvenut, bil-qiegh tal-kwart, li jiflah ghax-xoghol tal-gebel, il-gnub bil-pjanci mghawwgin. Il-ftehim kien li jghamluh b'sahhtu minhabba l-gebel;

Saret ukoll karta bejniethom u din saret quddiemu;

Ix-xhud ighid li xi xahar wara kien mal-konvenut il-fabbrika ta' GM Vassallo, f'Haz Zebbug u ltaqghu ma'l-attur. Kien affrontah u qallu li ma kienx hareg tar-ragel mieghu u l-attur stess kien skuza ruhu ghaliex kien that l-impressjoni li qed jahdem fuq truck tal-haxix;

Ix-xhud ikompli jispjega illi t-tifel ta'l-attur kien urihom xi pjanci li bihom kien ser jahdem minkejja li hu jifhem fil-hadid, ighid li t-tifel ta'l-attur kien urihom l-qiegh tal-kwart u

bicca mit-tghawwig tal-genb. Id-diskors kien fuq pulzieri u mhux millimetri;

Ra x-xhieda ta' Gregory Mercieca li jikkonferma li hu kien ghand agent tal-hadid mal-konvenut u ma' Charles Falzon. Ighid li dakinhar, waqt li hu kien jinstab fuq mal-konvenut, u Falzon kien isfel kien ra l-attur u semghu jammetti ma' Falzon li kien taht l-impressjoni li kien qed jahdem fuq van tal-haxix u ghalhekk kien ha zball;

B'digriet ta' dan it-Tribunal tat-2 ta' Gunju, 2005, gie nominat il-Professur Joseph Mifsud bhala perit tekniku sabiex jivverifika l-hxuna tal-pjanca mertu tal-kawza;

Il-perit tekniku Profs. Mifsudypprezenta r-rapport tieghu fid-19 ta'; Novembru, 2005 fejn ikkonkluda illi l-***"medja tal-hxuna tal-pjanci mehuda f'erba' bandi differenti tal-qiegh tal-kaxxa kienet: 4.55mm.***

***Il-hxuna tal-pjanci tal-gnub u l-bieba ta' wara kienet medja ta' 3.25mm.***

***Id-diametru tal-"pivot pin" ta'l-azzar kien ta' 29.23mm."***

Ra x-xhieda tal-Profs. Inginier Joseph Mifsud in eskuzzjoni li jghid li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, pero' jghid li fejn kien hemm hydraulic piston fejn il-qiegh tal-van, setghet sar "beam," fuq dik il-pjanca u kien ikun aktar b'sahhtu, jiddependi l-load;

Kien hemm partijiet zghar ukoll fejn il-welding ma kienx komplut;

Dwar jekk jerfa' fuq il-piston din titbewwaqx jew le, ma setax ighid ghaliex ma kienx rah merfugha. Pero' isostni li kieku kien hemm irbit, kien ikun hemm anqas possibilita'.

Ikkunsidra

Dan il-kaz jirrigwarda materja ta' natura teknika u ghalhekk it-Tribunal ser ikollu jaghmel apprezzament tal-

fatti, b'emfasi partikolari ghax-xhieda ta'l-Inginer Mario Magri, kif ukoll dak ta' l-perit tekniku Inginer Profs.Joseph Mifsud;

Magri jikkonkludi li la darba l-ordni kienet sabiex issir kaxxa bil-pjanci tal-kwart u cioe tas-sitt millimetri, sabiex tintuza ghall-kostruzzjoni ix-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti;

Il-perit tekniku huwa ta' fehma differenti. Ihoss li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, izda l-pjanca tal-qiegh kellha bzonn "beam" u kienet tkun aktar b'sahhitha;

Il-verzjonjiet tal-attur u l-konvenut huma ghal kollox kontrastanti. L-attur jinsisti l-ordni ma' kienitx tal-kwart, anzi ibnu kien issuggerielu li tal-kwart kien ser iqum izjed. Interessanti huwa l-fatt li  ordni li saret, saret bla referenza ghal-qisien tal-kaxxa;

Il-konvenut kien imur hemm regolarment sabiex jara l-andament tax-xoghol, kif ukoll ghamel il-pagamenti, hlief ghall-bilanc reklamat. Sa' dak iz-zmien qatt ma realizza. Gie ppruvat da parti tal-konvenut li meta beda juza' l-van li intebah li kien hemm xi problema;

Il-konvenut isahhah it-tezi tieghu permezz tax-xhieda l-ohra li kollha jikkonfermaw li t-tifel ta'l-attur kien ammetta li kien ha zball ghaliex kien that l-impressjoni li kellu jaghmel kaxxa ghal van tal-haxix, mhux van ghal uzu ta' kostruzzjoni li jirrikjedi gar ta' oggetti t'aktar toqol;

It-Tribunal josserva li l-konvenut spejga li bit-toqol, il-janca, li ma kienitx tiflah, kienet titbewwaq. L-istess gie kkonfermat mill-Inginier Magri;

Il-perit tekniku Profs. Mifsud ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma jekk jitpoggew xi oggetti fuq il-"piston," iwassalx biex dan jitbewwaq, ghaliex ma kienx ipprova, kien ha biss il-qisien. Fl-opinjoni tat-Tribunal, dan kien fundamentali sabiex jigi stabbilit, jekk il-kaxxa bis-sistema mekkanizzata tal-"hydraulic piston" kif inhaddmet mill-attur, kienitx b'sahhtiha bizzejjed ghal uzu ta' gar

ta'oggetti relatati mal-kostruzzjoni bhal gebel. Fil-fatt, l-istess perit tekniku jippuntwalizza li kollox jiddependi fuq l-oggetti li ser jingarru;

Ghalhekk, il-perit tekniku ma kkonstatax l-uzu tal-van u per konsegwenza tal-kaxxa u ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li ma jistax jadotta r-rapport tieghu, fis-sens li jekk sar xi xoghol skond is-sengha u l-arti, sar jekk verament kien hemm ordni ghal kaxxa ghal van tal-haxix. F'dan id-dawl wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu l-perit tekniku, u fil-fatt fil-konkluzzjonijiet tieghu jaghti biss il-qisien li ha u fl-eskussjoni tieghu jaghti biss parir ta' kif jista' jissahhah il-qiegh;

Jekk it-Tribunal kellu jimxi fuq dawn ir-rakkomandazzjonjiet jista' jaghti l-kaz li l-qiegh xorta ma jkunx daqshekk b'sahhtu;

It-Tribunal josserva li peress li kien hemm tentattivi sabiex isir it-tibdil tal-qiegh tal-kaxxa sabiex isservi l-iskop reali taghha, izda spiccat bi pika u proceduri legali, dan mhux impossibbli.. Ghalhekk, anke in vista tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li huwa propens li jhallas meta ikun soddisfatt bix-xoghol gdid, it-Tribunal ihoss li dan ir-rimedju ikun l-aktar ekwu u gust ghall-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jordna lill-attur jaghmel din il-pjanca tal-"kwart" fi zmien xahrejn millum u fin-nuqqas dan ghandu jsir minn terza persuna nkarigata mill-konvenut a spejjes ta'l-attur.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------